FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 6 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 797/01 AE**

**Is-socjeta Ballut Blocks (Services) Limited**

**vs**

**Chamiz Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li s-socjeeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltija u tlett centezmi (Lm589.03) li tirraprezenta valur ta' building material fornit lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici, kif ukoll il-valur ta' numru ta' servizzi rezi lis-socjeta konvenuta in konnessjoni mal-imsemmija konsenji ta' materjal tal-bini.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta (fol. 15) li permezz taghha ddikjarat li l-ammont pretiz m'huwiex dovut u l-hlas kellu jintalab minghand Marlene Azzopardi peress li l-materjal inxtara fuq inkarigu taghha. Intalbet ukoll il-kjamata fil-kawza ta' l-istess Marlene Azzopardi.

Ra l-atti tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Il-hlas pretiz jirrizulta minn statement li gie pprezentat mis-socjeta attrici flimkien ma' l-avviz tat-talba (fol. 3). Il-hlas qieghed jintalab ghall-bejgh u konsenja ta' materjal tal-bini lis-socjeta konvenuta.

2. Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kkonferma li huwa kien qieghed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa l-Gzira fuq inkarigu ta' Marlene Azzopardi. Ipprezenta wkoll kopja tal-ftehim ta' appalt (Dok. CM1) li ghamel ma' din il-persuna. Iddikjara li fil-prezz li ftehem ma' Marlene Azzopardi kien hemm inkluz ix-xiri tal-materjal. Ikkonferma li l-imsemmija Marlene Azzopardi ghad fadlilha bilanc xi thallas u li huwa kien qieghed jitlob ukoll minghandha l-hlas ghax-xiri tal-materjal minghand is-socjeta attrici. Sahansitra ddikjara li kien diga' nterpellaha, permezz ta' ittra legali, sabiex thallas il-bilanc u li kien ser jintavola proceduri fil-Qorti peress li l-hlas baqa' ma sarx. Fi kliemu, *"meta jiena ghamilt l-ordni lill-kumpannija attrici, kont*

*cempiltilhom u ghidtilhom li jiena ta' Chamiz Services Limited. Qetilhom li rid nordna materjal ghal xogholijiet li kont qed naghmel gewwa l-Gzira, u hadt hsieb naghmel l-ordni"* (seduta tal-24 ta' Ottubru 2001).

3. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici kkonferma li meta saret l-ordni r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien tahom id-dettalji tal-kumpannija tieghu. Iddikjara wkoll li l-ordnijiet dejjem saru mis-socjeta konvenuta u f'dan ir-rigward ipprezenta estratt mid-diary personali tieghu minn fejn jirrizulta d-dati u l-hin meta kellha ssir il-konsenja ta' l-ordni. F'kull ordni hemm indikat l-kliem Charles Mizzi/Chamiz Services. Anke d-*delivery notes* li hemm ezebiti a fol. 4 sa 9 tal-process, jikkonfermaw li l-materjal gie supplit lis-socjeta konvenuta.

4. Fil-fehma tat-Tribunal il-provi jikkonfermaw it-tezi tas-socjeta attrici, fis-sens li n-negozju sar bejn il-kontendenti u ghalhekk is-socjeta konvenuta hija l-legittimu kontradittur. Jekk is-socjeta konvenuta ghandha xi pretenzjoni fil-konfront ta' Marlene Azzopardi, din ghandha titressaq fi proceduri ohra.

5. Huwa risaput li jekk jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma' dan ma kellu ebda relazzjoni guridika, u jigi stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, l-istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jigi applikat. Ghalhekk m'ghandu ikun hemm rikors ghall-kjamat fil-kawza fejn il-gudizzju jkun diga' integru u fejn ir-resposnabbilta

tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija ndubitata. Dan indipendentement ta' x'relazzjonijiet jista' jkollu l-konvenut ma' terzi (**C. Mamo vs B. Abela nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Frar 2000). It-Tribunal qieghed ghalhekk jichad it-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' Marlene Azzopardi.

6. Dwar l-ammont pretiz mis-socjeta attrici, fil-kors tal-proceduri ma saret ebda kontestazzjoni min-naha tas-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin lira Maltija u tlett centezmi (Lm589.03) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' materjal ta' kostruzzjoni. Bl-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja.

Bl-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, kontra s-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**